MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

**Laqgħa Numru 01 – 4 Leġiżlatura**

**Il-Ħamis 13 ta' Jannar 2022**

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar iltaqa' kemm fil-Bini Amministrattiv fi 395, Triq il-Vitorja Ħal Qormi, kif ukoll b'mod virtwali fil-5.30 pm.

PREŻENTI FIL-BINI AMMINISTRATTIV:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Sindku Gudja | Dr Marija Sara Vella |
| Sindku Birżebbuġa | Is-Sur Scott Camilleri |
| Sindku Marsaxlokk | Is-Sur Steven Grech |

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:

| | |
|---|---|
| Sindku Ħal Għaxaq | Is-Sur Darren Abela |
| Sindku Santa Luċija | Is-Sa Charmaine St John |
| Sindku Ħamrun | Is-Sur Christian Sammut |
| Sindku Ħal Qormi | Is-Sur Josef Masini Vento |
| Sindku Marsaskala | Is-Sur Mario Calleja |
| Sindku Santa Venera | Is-Sur Stephen Sultana |
| Kunsilliera Ħal Luqa | Is-Sa Maria Magri |

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

| | |
|---|---|
| Sindku Żejtun | Is-Sa Doris Abela |
| Sindku Marsa | Is-Sur Josef Azzopardi |

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Philip Carabott | Segretarju Eżekuttiv |

# Minuti

Il-President is-Sur Jesmond Aquilina ippresjeda l-laqgħa.

## 01.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

01.1.1 Il-President qara l-ittri ta' apoloġiji mibgħuta mis-Sindki taż-Żejtun u tal-Marsa fejn taw ir-raġuni għaliex ma setgħux jattendu.

01.1.2 Il-Membri preżenti approvaw l-apoloġiji b'mod unanimu.

## 01.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

01.2.1 Il-President ressaq il-minuti tal-ħamsa u ħamsin (55) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali, li kienet l-aħħar waħda tat-tielet leġiżlatura, li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant, ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

01.2.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sa Maria Magri u ssekondata minn Dr Marija Sara Vella, il-Membri Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu l-minuti msemmija.

## 01.3 Komunikazzjoni mill-President;

**- Merħba fil-bidu tar-raba' leġiżlatura**

01.3.1 Il-President beda billi ta merħba lill-Membri preżenti, speċjalment lis-Sindki li kienu għadhom kif ingħaqdu fil-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar, hekk kif il-bidu tar-raba'

leġiżlatura ġab miegħu tibdil fil-kompożizzjoni tar-reġjuni fil-Gvern Lokali. Hu ħeġġeġ lill-Membri preżenti biex, kif kien sar fil-leġiżlatura ta' qabel, jaħdmu flimkien b'għan wieħed – dak li jtejbu l-kwalità tal-ħajja tar-residenti fir-Reġjun tan-Nofsinhar.

**- Uffiċjali professjonali mal-Kunsill Reġjonali**

01.3.2 Il-President informa li hekk kif issa l-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar għandu t-tim maniġerjali magħqud, jixtieq li jsir seminar flimkien mas-Sindki, Kunsilliera rispettivi u s-Segretarji Eżekuttivi sabiex dawn jippreżentaw ruħhom u jiddiskutu x'se jkun jinvolvi r-rwol tagħhom. L-uffiċjali maniġerjali se jkunu wkoll qed jiddiskutu kif jistgħu jgħinu u jassistu lill-Kunsilli Lokali b'mod effettiv fil-qadi tal-funzjonijiet tagħhom. Din il-laqgħa għandha tinżamm lejn il-bidu ta' Frar 2022.

**- Proġett ta' estensjoni tal-uffiċini fil-Bini Amministrattiv**

01.3.3 Il-President ħabbar li issa nħareġ il-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar b'mod uffiċjali għall-estensjoni tal-Bini Amministrattiv tal-Kunsill Reġjonali. Il-Perit beda bil-ħidma tiegħu fuq l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi biex jiġu inklużi fid-dokument tat-tender.

**- Inizjattivi għal żmien il-Għid**

01.3.4 Il-President semma' li qed jipproponi li l-Kunsill Reġjonali jorganizza żewġ inizjattivi għal żmien il-Għid. Waħda minnhom tkun attività f'forma ta' kunċert bil-kollaborazzjoni ta' wieħed mill-Kunsilli Lokali fir-reġjun u jkun jinvolvi talenti lokali. L-inizjattiva l-oħra tkun tinvolvi l-lokalitajiet kollha tar-reġjun u tista' sservi biex tippromwovi l-aspett kulturali fir-reġjun fiż-żmien tal-Ġimgħa Mqaddsa. Il-President stieden lill-Membri preżenti biex jaħsbu fuq ideat u jressqu proposti ħalli jiġu diskussi fil-laqgħat li ġejjin.

**- Bnadar bl-istemma tar-Reġjun tan-Nofsinhar lill-Kunsilli Lokali**

01.3.5 Il-President semma' kif, bħala waħda mill-inizjattivi li se jkun qed jieħu l-Kunsill Reġjonali biex ir-Reġjun tan-Nofsinhar jingħata timbru u jkollu identità distinta, se tkun qed tingħata bandiera bl-istemma tar-Reġjun tan-Nofsinhar lil kull Kunsill Lokali fi ħdan ir-reġjun.

**- Kummenti**

01.3.6 Fil-ħin allokat għall-kummenti, Dr Marija Sara Vella rreferiet għat-tnaqqis fl-allokazzjoni finanzjarja lill-Kunsill Reġjonali mill-Gvern Ċentrali u l-għotja ta' għajnuna finanzjarja addizzjonali mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali biex tkopri s-salarji tal-istaff maniġerjali. Hi rrimarkat li m'hemmx garanzija li l-għotja se tibqa' tingħata fis-snin li ġejjin, għaldaqstant, is-sistema mhix sostenibbli. Hemm bżonn li l-Kunsill Reġjonali jkollu garanzija li se jkollu fondi biżżejjed għall-amministrazzjoni u l-operat tiegħu għax bl-allokazzjoni finanzjarja biss, jispiċċa b'defiċit.

01.3.7 Il-President qabel ma' Dr Marija Sara Vella u qal li se jressaq dan il-punt mad-Diretturi tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali mal-ewwel okkażjoni li jiltaqa' magħhom.

## 01.4 Skeda ta' Pagamenti;

01.4.1 Il-President ippreżenta l-iskedi ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 01/22A-1 u 01/21B-1 li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

01.4.2 Wara mozzjoni mressqa minn Dr Marija Sara Vella u ssekondata mis-Sur Scott Camilleri, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskedi ta' pagamenti msemmija.

## 01.5 Ħatra ta' Deputat President;

01.5.1 Il-President qal li l-Kunsill Reġjonali għandu bżonn jaħtar Deputat President minn fost il-Membri ħalli jservi għal din il-leġiżlatura. Għaldaqstant talab lil dawk preżenti jressqu n-nomini.

01.5.2 Is-Sur Scott Camilleri ressaq nomina għal Dr Maria Sara Vella li kienet issekondata mis-Sur Josef Masini Vento u s-Sur Darren Abela.

01.5.3 Il-Membri preżenti kollha approvaw in-nomina b'mod unanimu u qablu li Dr Marija Sara Vella tinħatar bħala Deputat President.

01.5.4 Il-President qal li b'sodisfazzjon qed jilqa' l-ħatra tad-Deputat President. Hu tenna li jinsab persważ li l-ħatra ta' Dr Marija Sara Vella se tkun utli ħafna għall-Kunsill Reġjonali għax hi dejjem tat kontribut siewi fil-ħidma u fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħu.

01.5.5 Dr Marija Sara Vella rringrazzjat lill-Membri kollha għall-fiduċja li wrew fiha u qalet li, kif għamlet fil-leġiżlatura li għadha kif intemmet, se tibqa' tagħmel l-almu tagħha sabiex tara li l-Kunsill Reġjonali jilħaq il-miri u l-objettivi tiegħu.

## 01.6 Pjan ta' Ħidma 2022-2026;

01.6.1 Il-President ressaq il-Pjan ta' Ħidma għall-ħames snin li ġejjin li ntbagħat minn qabel lill-Membri u għaldaqstant ġie kkunsidrat bħala moqri. Hu ta' spjega tiegħu u qal li minkejja li l-allokazzjoni finanzjarja lill-Kunsill Reġjonali tnaqqset b'70,000 ewro fis-sena, xorta tfassal pjan ta' ħidma ambizzjuż bi strateġiji effettivi li jiffukaw fuq għajnuna u assistenza professjonali lill-Kunsilli lokali biex jirnexxielhom jisfruttaw opportunitajiet ġodda. Il-Pjan ta' Ħidma 2022-2026 jagħti viżjoni u direzzjoni ċara lill-Kunsill Reġjonali. L-objettiv prinċipali hu li jtejjeb il-kwalità tal-ħajja fil-komunitajiet tar-reġjun. It-tieni objettiv hu dak li jiġi mogħti timbru u identità distinta lir-Reġjun tan-Nofsinhar.

01.6.2 Fuq mozzjoni mressqa mis-Sur Scott Camilleri u ssekondata mis-Sur Josef Masini Vento, il-Membri preżenti approvaw b'mod unanimu l-Pjan ta' Ħidma 2022-2026.

## 01.7 Estimi finanzjarji Annwali;

01.7.1 Il-President ressaq id-dokument tal-estimi annwali għas-sena 2022 li ntbagħat minn qabel lill-Membri u għaldaqstant ġie kkunsidrat bħala moqri. Hu reġa' tenna li l-allokazzjoni finanzjarja se tkun qed tonqos b'70,000 ewro fis-sena u li l-ispejjeż amministrattivi żdiedu sostanzjalment biż-żieda ta' sitt uffiċjali maniġerjali mal-impjegati li diġà hemm. L-ispejjeż

tat-Tribunal Lokali jkomplu jżidu mal-isfidi. Madanakollu, l-isfida prinċipali tal-Kunsill Reġjonali tibqa' l-estensjoni tal-Bini Amministrattiv u għal dan il-għan, il-Kunsill Reġjonali se jkun qed jalloka parti mill-allokazzjoni finanzjarja tiegħu biex tiżdied ma' dik li diġà twarrbet fis-snin li għaddew.

01.7.02 Fuq mozzjoni mressqa mis-Sur Steven Grech u ssekondata mis-Sur Mario Calleja, il-Membri preżenti approvaw l-estimi finanzjarji annwali għas-sena 2022.

## 01.8 Kuntratti għall-Għoti ta' Servizzi lill-Kunsill Reġjonali;

01.8.1 Il-President ressaq kwotazzjonijiet mibgħuta minn fornituri għas-servizzi ta' handyman u IT Support and Maintenance. Hu qal li għandu bżonn jiġu mġedda wkoll il-ftehim tas-SAGE support li jintuża fil-computer accounting u l-ftehim tas-servizz tal-LES li jintuża fl-amministrazzjoni tat-Tribunali Lokali kollha.

01.8.2 Il-Membri preżenti evalwaw il-kwotazzjonijiet u qablu li jintagħżlu l-fornituri tas-servizzi bl-orħos offerta u li jiġu mġedda l-ftehim tas-servizzi tas-SAGE support u l-LES.

## 01.9 MOU mal-Arċidjoċesi ta' Malta għall-użu ta' sit b'mod temporanju;

01.9.1 Il-President qal li l-Perit tal-Kunsill Reġjonali ilu jiġbed l-attenzjoni li hemm soqfa perikolużi fil-Bini Amministrattiv u issa qalilna li dawn jinsabu f'periklu imminenti li jiġġarrfu. Il-Perit issuġġerixxa li l-Kunsill Reġjonali jitrasferixxi l-operat tiegħu b'mod immedjat għal post alternattiv. Il-President qal li l-Awtorità tal-Ippjanar, fil-jiem li għaddew, ħarġet permess għall-bdil ta' dawn is-soqfa, flimkien mal-estensjoni tal-uffiċini imma għad trid tinħareġ is-sejħa għall-kuntratt tax-xogħlijiet. Sabiex tiġi ssalvagwardjata s-saħħa tal-impjegati u l-pubbliku li jiġi jinqeda mis-servizzi tal-Kunsill Reġjonali u tat-Tribunal Lokali hemm bżonn li tittieħed azzjoni fi żmien qasir. L-Arċidjoċesi ta' Malta ġentilment offriet li tipprovdi post li jintuża bħala ċentru parrokkjali fl-istess Parroċċa madwar 100 metru 'l bogħod mill-Uffiċċju Amministrattiv b'kera baxxa. Il-President ippropona li l-Kunsill Reġjonali jagħmel

ftehim mal-Arċidjoċesi ta' Malta ħalli jinkera dan il-post malajr kemm jista' jkun biex tiġi ssalvagwardjata s-saħħa tal-pubbliku u l-impjegati. Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti.

01.9.2 Il-Membri qablu mal-President b'mod unanimu u approvaw l-iffirmar tal-ftehim.

## 01.10 Ħatra ta' Bord tal-Għażla għall-Ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13);

01.10.1 Il-President irrefera għall-ingaġġ ta' uffiċjal eżekuttiv (Skala 13) u qal li, wara li ma kienx hemm applikazzjonijiet minn impjegati fil-Kunsilli Reġjonali u Lokali għal din il-kariga, il-Jobsplus taw permess biex tinħareġ sejħa esterna. Għaldaqstant, hemm bżonn jinħatar bord tal-għażla sabiex jevalwa l-applikazzjonijiet, jagħmel l-intervisti u jagħżel persuna minn fost l-applikanti.

01.10.2 Il-Membri preżenti ddiskutew dan is-suġġett u għażlu lill-President, lid-Deputat President u lis-Sur Scott Camilleri bħala membri tal-bord. Is-Segretarju Eżekuttiv ikun responsabbli mill-amministrazzjoni u l-proċeduri tas-sejħa.

## 01.11 Affarijiet Oħra;

**- Upgrade tal-websajt tal-Kunsill Reġjonali**

01.11.1 Il-President semma' kif issa li l-Kunsill Reġjonali qed jopera b'kompożizzjoni ġdida u qed jifrex il-ħidma tiegħu fuq ħafna aktar aspetti sabiex jassisti lill-Kunsilli Lokali, qed jinħass il-bżonn li jsir upgrade fil-websajt eżistenti tal-Kunsill Reġjonali. Din se tkun waħda mill-għodod li se jintużaw biex jippromwovu lir-reġjun u jagħtuh identità distinta. Għal dan il-għan, il-websajt se tkun tinkludi kalendarju tal-attivitajiet li jkunu se jsiru fir-reġjun u direttorju artistiku tal-persuni fir-reġjun li jaħdmu fl-oqsma tal-arti u l-kultura. Fuq dan il-proġett se jkunu qed jaħdmu l-uffiċjali maniġerjali fl-oqsma tal-kultura u tat-teknoloġija tal-informatika. L-uffiċjal maniġerjali tal-kultura se tkun qed tibgħat google form kull xahar lill-Kunsilli Lokali fir-reġjun biex jissottomettu l-attivitajiet li se jkunu qed jittellgħu fil-

lokalità biex issir promozzjoni għalihom. Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti.

01.11.2 Il-Membri approvaw il-proposta b'mod unanimu.

**- Progress reports tal-uffiċjali maniġerjali Ottubru – Diċembru 2021**

01.11.3 Il-President ressaq il-progress reports tal-uffiċjali maniġerjali li ntbagħtu minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew kkunsidrati bħala moqrija. Hu ta spjega tal-ħidma li wettqu l-uffiċjali maniġerjali tal-Kunsill Reġjonali matul it-tliet xhur li għaddew, kif ukoll il-ħidma li għaddejjin biha bħalissa. Il-President talab lill-Membri japprovaw ir-rapporti mressqa.

01.11.4 Il-Membri preżenti approvaw il-progress reports b'mod unanimu.

**- Performance Appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv**

01.11.5 Il-President ressaq id-dokument tal-performance appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv, ibbażat fuq il-ħidma li wettaq matul is-sena li kienet għadha kif intemmet.

01.11.6 Il-Membri preżenti ddiskutew il-performance appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv u qablu li jingħata l-massimu tal-performance bonus.

**- Performance Appraisal u progressjoni tal-istaff klerikali**

01.11.7 Il-President ressaq id-dokumenti tal-performance appraisals tal-istaff klerikali ibbażati fuq il-ħidma li wettqu matul is-sena li kienet għadha kif intemmet. Hu żied jgħid li dawn għandhom jipprogressaw fis-salarju skont il-ftehim kollettiv li hemm fis-seħħ.

01.11.8 Il-Membri preżenti ddiskutew il-performance appraisals tal-istaff klerikali u qablu li jingħataw il-massimu tal-performance bonus. Huma approvaw li l-istaff klerikali jipprogressa fis-salarju tiegħu skont il-ftehim kollettiv.

## 01.12 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;

01.12.1 Il-laqgħa ntemmet fis-19.05 u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 16 ta’ Frar 2022 fil-5.30 pm.

Konfermati llum ______________________.

| | |
|---|---|
| Jesmond Aquilina | Philip Carabott |
| President | Segretarju Eżekuttiv |